GOVERNMENT OF MALTA
DEPARTMENT OF INFORMATION

PRESS RELEASE

PR221698 | 06.12.2022 | 5

**STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

***L-Ispeaker jiltaqa' ma' persuni b'diżabilità li jattendu fiċ-ċentri ta' Aġenzija Sapport***

L-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati Anġlu Farrugia rċieva żjara minn 14-il-persuna b'diżabilità li jattendu ċ-ċentri ta' Aġenzija Sapport.

Matul iż-żjara, l-Ispeaker sema' lil dawn iż-żgħażagħ li qasmu l-esperjenzi tagħhom kif ukoll infurmawh dwar l-abbiltajiet tagħhom, fost dawn persuna li ħadet sehem fl-Ispecial Olympics. Oħrajn ressqu l-problemi tagħhom, fosthom dwar xogħol li jixtiequ jwettqu.

L-Ispeaker irringrazzja lill-Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur Julia Farrugia Portelli u lill-Kap Eżekuttiv ta' Aġenzija Sapport Oliver Scicluna li taw l-opportunità lil dawn il-persuni b'diżabilità jiltaqgħu u juru l-kapaċitajiet tagħhom lill-membri parlamentari li aktar tard qassmulhom ornament maħdum minnhom.